MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 299/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Paul Magri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) fl-4/8/2002 ghall-habta tas-1.30 hrs fi Triq it-Tempji Neolitici, Tarxien, saq vettura numru tar-registrazzjoni BAT 614 b'manjiera traskurata;
2) saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3) waqt li kien qed isuq il-vettura msemmija naqas li jieqaf meta kien hemm sinjal tat-traffiku li jindika "STOP".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Novembru, 2002, li

biha, wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap 65, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghall-hlas ta' LM100 multa u ghal tlett xhur skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza.

Semghet ix-xhieda fis-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi jidher assodat illi n-nuqqas li ghandu jirrispondi ghalih l-appellant jikkonsisti fil-fatt li huwa ma waqafx kompletament fuq l-istop sign u, ghalhemm naqqas l-ispeed, baqa' hiereg u kif -taqbel il-prosekuzzjoni- dan in-nuqqas jinkwadra ruhu aktar taht ir-reat ta' sewqan b'manjiera traskurata milli dak ta' sewqan perikoluz fejn skond il-gurisprudenza stabbilita jkun hemm bzonn ta' grad ferm oghla ta' sewqan hazin minn dak riskontrat fil-kaz in ezami.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs Anthony Chircop" (11.4.2002) li :-

*Kif gie citat minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza "Il-Pulizija vs Domenic Fenech" gie dejjem ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li l-kwistjoni jekk sewqan hux (I)negligenti ; jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree" (Ap. Krim. Pul. Vs Charles Bartolo 14.3.59; Pul. Vs. Wilson, Vol XXXIX, p 1018 u Pul. Vs. Alfred Vella, Vol. XLIV p 933) u, kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. Vs. Hardingham, 19.10.1963).*
*Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pu. Vs. Charles Farrugia, Vol. XXXIX, p. 1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. Vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece, sewqan negligenti jew traskurat*

*ifisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. Vs. Antonio Spiteri, Vol. XLIV p. 892).*

Ghal dawn il-motivi tilqa l-appell tal-appellant limitatament ghas-sejbin ta’ htija fuq it-tieni imputazzjoni billi din ma tirrizultax pruvata u qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ sewqan b’manjiera traskurata u talli ma waqafx fuq l-istop sign, liema akkuza pero’ hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni w tirrevokha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni ta’ sewqan perikoluz u tiddikjarah mhux hati taghha u in kwantu kkundannatu ghall-multa ta’ mitt lira Maltin (LM100) u ssospendietu mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien tlett xhur u minflok tikkundanna lill-apppellant ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50.00,0) u tordna li jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tmint (8) ijiem li jibdew jghoddu minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghadha filghodu, 20 ta’ Frar tas-sena 2003.

-------------------------------TMIEM-------------------------------